MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Numru. 906/2005

Il-Pulizija
(spettur Carmelo Bartolo )
vs
Charlot Calleja
Floyd Attard

Illum 26 ta’ Ottubru 2005.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra Charlot Calleja u Floyd Attard u dan talli:

1) Nhar l-4 ta’ Ottubru 2005 ghall-habta tal-5.30 ta’ fil-ghaxija, waqt li kienu f’Hal Balzan, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe basket kontenenti diversi affarijiet fosthom flus, telefon cellulari u affarijiet ohra, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-valur, li ma jiskorrix l-elf lira maltin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Stephanie Mifsud minn Hal Balzan u/jew persuni ohra.

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF 881 liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira maltin, imma huwa izjed minn hamsin lira maltija u li sar ghad-detriment ta’ Stephanie Mifsud minn Hal Balzan u/jew persuni ohra.

*U Lil Floyd Attard wahdu talli:*

1. F’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn l-4 ta’ Ottubru 2005 u ix-xhur ta’ qabel din id-data waqt li kien fil-Fgura, ikkometta serq ta’ oggett u cioe telefon cellulari ghad detriment ta’ persuna ta’ identita sa issa mhux maghrufa.
2. F’hal Balzan nhar l-4 ta’ Ottubru 2005 ghal habta tal-5.30 ta’ fil-ghaxija kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Ligijiet ta’ Malta meta nhar l-1 ta’ Marzu 2004 kien gie kundannat b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel ghal piena ta’ xahrejn prigunerija liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta’ erba’ snin.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati tal Malta, li saret definittiva u ma tistax tinbidel, u li hija datata 28 ta’ April 2004 huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati tal Malta li saret definittiva u ma tistax tinbidel u li hija datata 14 ta’ April 2005 huwa kien gie moghti l-liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

*U lil Charles Calleja wahdu talli:*

1. Nhar l-4 ta’ Ottubru 2005 ghal habta tal-5.30 ta’ fil-ghaxija kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta li saret definittiva u ma tistax tinbidel u li hija datata

5 ta' Mejju 2004 huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta nhar is-7 ta' Ottubru 2004 kien gie kkundannat b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta li saret definittiva u ma tistax tinbidel ghal piena ta' sentejn prigunerija liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta' erba' snin

*Lil Charlot Calleja u Floyd Attard*

Talli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi ttratat bi procedura sommarja kif ukoll rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bl-istess proceduri (fol 5, 6 u 7 tal-atti).

Semghet lill-istess akkuzati jwiegbu, fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom, li huma hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-Charlot Calleja u Floyd Attard hatja talli:

1. Nhar l-4 ta' Ottubru 2005 ghall-habta tal-5.30 ta' fil-ghaxija, waqt li kienu f'Hal Balzan, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe basket kontenenti diversi affarijiet fosthom flus, telefon cellulari u affarijiet ohra, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-valur, u li ma jiskorrix l-elf lira maltin, bil-mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Stephanie Mifsud minn Hal Balzan u/jew persuni ohra.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF 881 liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-valur ta' hames mitt lira maltin, imma huwa izjed

minn hamsin lira maltija u li sar ghad-detriment ta' Stephanie Mifsud minn Hal Balzan u/jew persuni ohra.

*U Lil Floyd Attard wahdu talli:*

1. F'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-4 ta' Ottubru 2005 u ix-xhur ta' qabel din id-data waqt li kien fil-Fgura kkometta serq ta' oggett u cioe telefon cellulari ghad detriment ta' persuna ta' identita sa issa mhux maghrufa.
2. F'hal Balzan nhar l-4 ta' Ottubru 2005 ghal habta tal-5.30 ta' fil-ghaxija kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta meta nhar l-1 ta' Marzu 2004 kien gie kundannat b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel ghal piena ta' xahrejn prigunerija liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta' erba' snin.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta meta b'sentenza moghtija mill-Qrati tal Malta li saret definittiva u ma tistax tinbidel u li hija datata 28 ta' April 2004 huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta meta b'sentenza moghtija mill-Qrati tal Malta li saret definittiva u ma tistax tinbidel u li hija datata 14 ta' April 2005 huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

*U lil Charles Calleja wahdu talli:*

1. Nhar l-4 ta' Ottubru 2005 ghal habta tal-5.30 ta' fil-ghaxija kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, li saret definittiva u ma tistax tinbidel u li hija datata 5 ta' Mejju 2004 huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta nhar is-7 ta' Ottubru 2004 kien gie kkundannat b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta li saret definittiva u

ma tistax tinbidel ghal piena ta' sentejn prigunerija liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta' erba' snin

*Lil Charlot Calleja u Floyd Attard*

Talli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U dan skond l-artikoli 261 (b) (c) (g), 325 (b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u fil-konfront ta' Floyd Attard wahdu skond l-artikoli 284, 285 u 28A tal-istess Kodici u l-artikolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta' Charlot Calleja wahdu skond l-artikolu 28A tal-Kodici msemmi u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, il-Qorti kkunsidrat is-segwenti :

a) L-ammissjoni bikrija sottomessa mill-istess akkuzati.

b) Skond kif rizultanti mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2005 (fol 8 ibid) ir-refurtiva kollha kienet giet irkuprata u kienet fil-pussess tal-pulizija sabiex din tinghata lura lid-derubati b'eccezzjoni tal-"mobile phone" peress li s-sid tieghu ghadu ma hux maghruf.

c) L-istess akkuzati skond kif rizultanti mill-verbal tal-istess seduta kienu obbligaw ruhhom li jirrizarcixxu d-danni kollha fis-somma ta' LM165 kull wiehed liema risarciment sar kif jidher mil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2005.

d) Il-fedina penali rispettivi tal-istess akkuzati. Mill-premess jidher li hu minnu illi l-akkuzati wrew kondotta altament refrattarja.

e) In oltre, gie ammess ukoll mill-akkuzat *Floyd Attard* li kiser dak provdut f'sentenza hekk imsejjha "sospiza" moghtija fl-ewwel (1) ta' Marzu 2004 meta gie kundannat ghal xahrejn prigunerija u in rigward, fost ohrajn, ir-reati ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokument jew dokumenti hemm

specifikat, truffa permess tal-istess dokument jew dokumenti, ricettazzjoni, serq ta' 'cheque book', kif ukoll zewg sentenzi ohra li permezz taghhom kiser dak provdut fl-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija l-beneficcju ta' 'probation' in konessjoni ma' pussess ta' eroina u serq ta' zewg pompi tal-ilma u bexx waqt li l-akkuzat *Charlot Calleja* ammetta wkoll li kiser dak provdut f'sentenza moghtija fil 5 ta' Mejju 2005 u kien inghata l-beneficcju ta' 'probation' in rigward pussess ta' eroina kif ukoll dak provdut f'sentenza ohra moghtija fis-7 ta' Ottubru 2004 u kien inghata l-piena ta' sentejn prigunerija 'sospiza' in konnessjoni mar-reati ta' serq kif kwalifikat u ricettazzjoni.

f) In oltre, 'ex admissis' l-istess akkuzati rrendew ruhhom ricedivi permezz tal-akkuzi in ezami, ammessi minnhom.

Mill-premess jidher illi z-zewg akkuzati waslu sabiex iduqu piena karcerarja, pero din il-Qorti tara li ghandhom jinghataw l-ahhar opportunita.

Hu minnu li l-akkuzati ma jistghux jigu kunsiderati bhala 'first offenders' u ghalhekk il-Kapitolu 466 ma hux applikabbli ghalihom. In oltre l-artikolu 28A (7) tal-Kodici Kriminali jipprojbixxi l-ghoti ta' sentenza 'sospiza' waqt id-dekorrenza ta' perjodu ta' 'probation' jew ordni ta' 'probation' kif ukoll waqt il-perjodu ta' sentenza ta' prigunerija 'sospiza'. Pero, tenut kont, b'mod specjali, illi l-akkuzati kkollaboraw f'dan il-kaz u giet irkuprata r-refurtiva kollha kif ukoll hallsu risarciment in rigward il-hsarat kagunati, hu opportun illi l-Qorti tapplika l-Artikolu 28B (2) (b) tal-istess Kodici Kriminali u b'hekk testendi s-sentenzi ta' prigunerija sospizi ghal perjodu massimu koncess mill-ligi u fihom tinkludi ukoll il-ksur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 gie citat.

Ghal dawn il-motivi, b'applikazzjoni wkoll tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 ibid, in rigward konkors ta' reati u pieni, il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikoli gia citati, qed tikkundanna lill-akuzati ghall-piena ta' sentejn prigunerija kull wiehed sospiza ghal perjodu ta'

erba’ snin bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor suggett ghal prigunerija fl-istess perjodu ta’ erba’ snin.

In oltre b’applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-istess Kodici, il-Qorti tordna il-hrug ta’ Ordni ta’ supervizzjoni ghal matul l-istess perjodu taht l-ufficjal tal-‘probation’ li jigi appuntat skond il-Kapitolu 446 gia citat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------